**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 241**
**It-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**POSTIJIET ĠODDA - CHILDPROOF**

**17499. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk jikkunsidrax li jdaħħal policy biex il-postijiet il-ġodda jkunu childproof?

15/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tiċċara xi trid tfisser b' "childproof".

Seduta 241
13/05/2024

**KARIN GRECH U RAYMOND CARUANA - INKJESTI PUBBLIĊI**

**17572. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 14933 u jgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex jibda inkjesti pubbliċi separati fuq il-qtil ta' Karin Grech u Raymond Caruana biex il-pajjiż ikun jista' jibda jagħmel rikonċiljazzjoni ma' din il-memorja kollettiva trawmatika u jiġu stabbiliti miti u fatti?

20/03/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-appell tiegħi jibqa' biex min għandu xi informazzjoni dwar dawn il-każijiet li jibqgħu tebgħa sewda fl-istorja ta' pajjiżna, tmissu l-kuxjenza u jersaq 'il quddiem, anke għax l-investigazzjonijiet baqgħu dejjem miftuħa.

Nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellanta li amministrazzjonijiet preċedenti tul l-aħħar għexieren ta' snin qatt ma ħadu dan il-pass, f'mumenti li setgħu kienu iktar opportuni. Bl-istess mod ħadu deċiżjonijiet importanti oħra bħal ħlas ta' kumpens lill-familja ta' Raymond Caruana u nirreferi wkoll lill-Onor. Interpellant għall-sentenzi tal-Qrati fil-każ Karin Grech li ddikjaraw ukoll il-mottiv wara dak il-qtil. Sentenzi, li b'dispjaċir kienu ġew anke appellati mill-amministrazzjoni ta' dak iż-żmien.

Seduta 241
13/05/2024

**GĦALLIEMA PENSJONANTI LI GĦADHOM JGĦALLMU**

**17725. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16219 u jgħid kemm hawn għalliema pensjonanti li baqgħu jaħdmu u qegħdin itaffu xi ftit il-problema ta' nuqqas ta' għalliema?

26/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħalissa hawn ingaġġati 38 għalliem pensjonant.

Seduta 241
13/05/2024

**TALBIET GĦAL AVUKATI TAT-TFAL**

**17726. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16221 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm-il darba mis-sena 2015 sal-aħħar tas-sena 2023, sena b'sena, il-Pulizija talbet lill-Qorti sabiex jinħatar Avukat tat-Tfal sabiex jassisti f'każijiet fejn il-minuri huma vittma, skont l-Artikolu 14 ta' Kap. 539 (Att dwar il-Vittmi tal-Kriminalità)? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn in-nomini kienu jirrigwardjaw Avukati tat-Tfal u kemm kienu Avukati tal-Għajnuna Legali?

26/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16222.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - ARTIKLI U OPINJONIJIET FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17910. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu fuq artikli u opinjonijiet fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn l-artikli, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara artiklu? Jista' jindika wkoll liema minn dawn l-artikli kienu intervisti jew rapporti?

02/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant ma ntefqu l-ebda flus fuq Artikli u opinjonijiet fuq Gazzetti.

Seduta 241
13/05/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17911. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

| Dipartiment/ Entità /Aġenzija | Suġġett tar-riklam | Data meta xxandar ir-riklam | Isem tal-gazzetti fejn inxtara r-riklam | Nefqa € VAT eskl. |
|---|---|---|---|---|
| MITA | Cyber Assess Scheme | 11/02/2024 | Malta Business Weekly u The Malta Independent on Sunday | 1,957.50 |
| MITA | Cyber Assess Scheme | 11/02/2024 | Times of Malta u The Sunday Times of Malta | 1,377.50 |

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, UGWALJANZA, IR-RIFORMA U DJALOGU SOĊJALI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17912. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17913. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba kif mgħoddija lili.
Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17914. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor.Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - REKLAMI FUQ GAZZETTI - NEFQA**

**17915. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq gazzetti mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-gazzetti li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 241
13/05/2024

**TCNS - ISTITUZZJONIJIET EDUKATTIVI LI JOFFRU BRIDGING-COURSES**

**18183. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16246 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11897, peress illi fit-tweġiba ma ssemmix kemm jiswew il-bridging courses offruti mill-Università ta' Malta u mill-MCAST, jista' l-Ministru jgħid:

i. kemm jiswew dawn il-korsijiet?
ii. jekk l-istudenti (immigrant) jingħatawx l-opportunità li jħallsu by installments,
iii. jekk iva, kif?; u
iv. jekk hijiex ġustizzja soċjali li persuni,li jiġu Malta minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li biex waslu Malta kellhom iħallsu eluf t'ewro, ikollhom iħallsu dawn l-eluf t'ewro għal kors, meta pajjiżna għandu nuqqas kbir ta' infermiera fis-servizzi tas-saħħa?

10/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14336.

Seduta 241
13/05/2024

**BRIDGING COURSES - MIŻATI**

**18184. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 16247 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u jgħid jekk il-Gvern jikkunsidrax li jneħħi l-miżata jew jagħti xi tip ta' scholarships, anke parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea (UE), biex persuni li ġew Malta minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jixtiequ jattendu l-bridging courses offruti mill-Università ta' Malta u mill-MCAST, ma jkollhomx għalfejn iħallsu dawn il-miżati esaġerati?

10/04/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14337.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN LAWRENZ - TRIQ ID-DWEJRA - SKULAR TA' ILMA MAĦMUĠ JEW DRENAĠĠ**

**18859. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir biex tissolva l-problema ta' skular ta' ilma maħmuġ jew drenaġġ li ilha ħierġa minn katusa li tinsab fil-ġenb tat-triq, fi Triq id-Dwejra, ftit 'l isfel miċ-ċimiterju ta' San Lawrenz, f'Għawdex għal dawn l-aħħar xhur?

25/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li kull darba li qed ikun hemm ilment dwar skular ta' ilma dejjem ġie iċċekkjat imma qatt ma rrizulta li hu drenaġġ.

Seduta 241
13/05/2024

**GĦAWDEX - TRASPORT PUBBLIKU - STUDJU**

**18860. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju speċifiku dwar it-trasport pubbliku ġewwa Għawdex biex jiġu stabbiliti rotot u frekwenza aħjar tat-trasport pubbliku sabiex ikun aktar effiċjenti? Jekk iva, jista' jqiegħed dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra? Jista' jgħid kemm mir-rakkomandazzjonijiet li saru, twettqu s'issa u fiex kienu jikkonsistu? Jista jgħid ukoll x'rakkomandazzjonijiet oħra hemm ippjanati li jiġu imwettqa minn issa sal-aħħar tas-sena 2024 u fiex se jkunu jikkonsistu?

25/04/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Intepellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13417.

Seduta 241
13/05/2024

**MARSALFORN – PARTI MINN TRIQ IX-XAGĦRA - BINI TA' TRIQ**

**18861. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li tinbena mill-ġdid parti minn triq ix-Xagħra (minn ħdejn il-Ġnien tat-Tliet Għoljiet sa ħdejn il-Knisja ta' Marsalforn) peress li tinsab fi stat ħażin ħafna? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjanijiet li din issir fis-sena 2024? Jekk le, jista' jgħid jekk sarux rapporti dwar l-istat ta' din it-triq u jekk iva, min għamilhom u jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

25/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet f'din it-triq huma fil-pjan tal-Ministeru.

Seduta 241
13/05/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - 'EMERGENCY AMBULANCE RESPONDER TRAINEE / EMERGENCY AMBULANCE RESPONDER 1 AT THE GOZO GENERAL HOSPITAL' - APPLIKANTI**

**18883. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-interviews għas-sejħa li ħarġet fix-xhur li għaddew biex jiddaħħlu persuni fil-grad ta' 'Emergency Ambulance Responder Trainee / Emergency Ambulance Responder 1 at the Gozo General Hospital' sarux u meta ħareġ ir-riżultat? Kemm kien hemm applikanti u kemm minnhom għaddew mill-interview? Jista' jgħid ukoll kemm hemm ippjanati li jiddaħħlu ħaddiema f'dan il-grad skont il-Capacity Building fil-ġimgħat li ġejjin?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-interviews għal Emergency Ambulance Responder Trainee / Emergency Ambulance Responder 1 għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex saru u r-riżultat inħareġ fil-5 ta' Marzu 2024. Kien hemm 101 applikant li minnhom 55 għaddew dan il-proċess ta' selezzjoni. Ir-riżultat huwa validu għal-sena u jiġu appuntati kandidati skont l-eżiġenzi tas-Servizz tul din-is-sena.

Seduta 241
13/05/2024

**BENEFIĊĊJU TA' DIŻABILITÀ SEVERA - APPLIKANTI**

**18884. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' applikazzjonijiet li saru minn applikanti Għawdxin u li minnhom ġew milqugħa mill-Bord Mediku għall-Benefiċċju ta' Diżabilità Severa bejn l-2013 u l-2024 maqsuma sena b'sena, kif ukoll ir-raħal jew belt skont fejn huma rreġistrati l-applikanti?

29/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 241
13/05/2024

**GĦAJNSIELEM – BERĠA TAS-SAĦĦA**

**18885. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta (xahar u sena) ser tkun qed terġa' topera mill-ġdid il-Berġa tas-Saħħa ġewwa Għajnsielem f'Għawdex?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ċ-ċwievet tas-sit li fih li kien hemm il-Berġa ta' Għajnsielem kienu ġew mogħtija lura lill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem f'Diċembru 2021.

Seduta 241
13/05/2024

**SPTAR MATER DEI – PERSUNI LI HUMA INTITOLATI GĦAL MEDIĊINA B'XEJN - LISTA**

**18918. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li tneħħew minn fuq il-lista ta' dawk li huma ntitolati għal mediċina b'xejn mill-Isptar Mater Dei?

29/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16351.

Seduta 241
13/05/2024

**MOSTA – TRIQ LORENZO GAFÀ U TRIQ L-INDIPENDENZA – RAMPA BIEX JAQSMU PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**18956. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 7019 u 4243 u 5979, li oriġinarjament saru lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur rispettivament, u jgħid jekk hemmx il-ħsieb li ssir rampa għal dawk li jkunu qed jaqsmu t-triq f'Independence Avenue, salib it-toroq ma' Triq Lorenzo Gafà, peress li dawk il-persuni li jużaw is-siġġu tar-roti, mingħajr din ir-rampa ma jkunux jistgħu jużaw il-bankina?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**18957. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9096 u jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm mija u tnejn u sebgħin (172) ħaddiema mal-kuntrattur jaħdmu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u entitajiet li jaqgħu taħtu, bil-maġġoranza assoluta tagħhom ikunu jew *cleaners,* jew *security guards*, jew receptionists/customer support officers, jew audioguides, jew handymen.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18958. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12034 u jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** It tagħrif qed jinġabar.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - KUNTRATTI TA' FIDUĊJA**

**18959. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12072 u jikkonferma l-entitajiet li jaqgħu taħtu? Jista' jgħid ukoll min huma l-persuni li ngħataw kuntratti ta' fiduċja u/jew li ġew impjegati f'dawn l-entitajiet, xi rwol ingħataw u x'kienet il-kwalifika li ddistingwithom biex intgħażlu għal dan l-irwol, minn wara li laħaq Ministru hu?

30/04/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba u kif ġiet mgħoddija lili.

Ukoll irid jingħad li fil-frattemp li nġabret l-informazzjoni de quo ġiet ukoll imħabbra l-għażla tas-Sinjura Vanessa Mangion bħala Kap Eżekuttiv tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali u ngħatat spjega dettaljata tal-kwalifiki, esperjenza u ħiliet tagħha.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**18960. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9099 u jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

30/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fid-dekasteru tiegħi preżentament hemm 36 ħaddiema mal-kuntrattur fir-rwoli ta' receptionists; uffiċjali tas-sigurtà; cleaners; kennies; kollettur tal-iskart; helper ġenerali; operaturi tal-krejnijiet.

Seduta 241
13/05/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – VEJIKOLI**

**18961. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10795 u jgħid kemm hemm heavy vehicles, lifters u vannijiet u vejikoli tal-agrikoltura, fid-dekasteru tiegħu u meta saret l-aħħar spezzjoni biex jaraw humiex tajbin għat-triq?

30/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-informazzjoni mitluba hekk kif ġej:

| **Kategorija** | **Numru ta' vejikoli** |
|---|---|
| Heavy Vehicles | 7 |
| Light Vehicles | 40 |
| Lifters | 4 |
| Vejikoli agrikoli | 22 |

Il-vetturi kollha li huma proprjetà tal-MAFA huma ċċertifikati kull sena permezz tal-VRT kif mitlub minn Transport Malta biex iġeddu l-liċenzja annwali tal-vettura tagħhom. Barra minn hekk, vetturi li jeħtieġu ċertifikat tal-inġinier jiġu spezzjonati u ċċertifikati minn inġinier kwalifikat. Barra minn hekk, vetturi li ma għaddewx mill-VRT jew mill-ispezzjoni tal-inġinier mhux qed jintużaw qabel ma jissewwew.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN ĠILJAN – TRIQ PACEVILLE - XOGĦLIJIET**

**19036. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta hu ppjanat li jitlesta x-xogħol fi Triq Paceville, San Ġiljan, hekk kif din ilha xhur magħluqa minħabba xogħlijiet li qed isiru?

02/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN ĠILJAN – TRIQ PACEVILLE - XOGĦLIJIET**

**19037. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti x-xogħol li qed isir fi Triq Paceville, San Ġiljan?

02/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**SELMUN PALACE HOTEL - PROĊESS TA' TRASFERIMENT LILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**19041. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' trasferiment tal-proprjetà ta' Selmun Palace Hotel lill-Awtorità tal-Artijiet?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16786.

Seduta 241
13/05/2024

**SELMUN PALACE HOTEL - TENDER**

**19042. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk it-tender għall-manutenzjoni estensiva ta' Selmun Palace Hotel fil-Mellieħa nħariġx? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar dan it-tender u jekk dan ġiex aġġudikat? Jekk le, jista' jgħid meta hu mistenni li jinħareġ dan it-tender?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16786.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - KLINIKA**

**19043. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslet is-sejħa għall-offerti għall-kiri ta' sit għall-klinika fil-komunità f'San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid meta nħarġet is-sejħa għall-offerti hekk kif din is-sejħa nħarġet iktar minn darba? Jista' jgħid ukoll jekk ġewx mitfugħa offerti għas-sejħa tal-offerti li nħarġet l-aħħar? Jekk iva, kemm-il offerta ġiet mitfugħa u liema ġiet aċċettata u x'kienet ir-raġuni għaliex l-oħrajn ma ġewx aċċettati? Jekk le, x'azzjoni ser tkun qiegħda tittieħed biex jinstab post għall-użu ta' klinika fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar?

02/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat illi f'Jannar 2024 sar Market Research fejn ġew involuti numru ta' Real Estate Agents fejn ġew mogħtija l-informazzjoni meħtieġa skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerti ppubblikati. Infurmat ukoll li ddaħlu żewġ offerti, u qed tiġi esplorata waħda minnhom peress li l-oħra ma kienitx skont l-ispeċifikazzjonijiet mibgħuta.
Dawn huma d-dati meta s-sena l-oħra nħarġu s-sejħiet tal-offerti: 11 ta' Awwissu 2023; 5 ta' Settembru 2023; u 11 ta' Ottubru 2023. L-ebda offerta ma ġiet mitfugħa.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PUBLIJU - TENDER**

**19044. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14512 dwar il-proġett fi Triq San Publju, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, kopja tat-tender li nħareġ għal dan il-progett?

02/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija pubblika.

*(Informazzjoni Addizzjonali: Ara Dokument PL 3740 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 242 ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Mejju 2024)*

Seduta 241
13/05/2024
**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PUBLIJU - PERMESSI**

**19045. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15615 dwar il-proġett fi Triq San Publju, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li qed isir hux kopert b'DNO jew xi permess ieħor mill-Awtorità tal-Ippjanar? Jekk iva, jista' jgħid liema huma dawn id-DNOs jew permessi?

02/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15615.

Seduta 241
13/05/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR - TRIQ SAN PUBLIJU - XOGĦLIJIET**

**19046. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14668 dwar spezzjonijiet mis-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali fuq xogħol li kien qed isir f'sit fi Triq San Publju, San Pawl il-Baħar, jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi kien hemm rigward dan is-sit?

02/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza kienet f'komunikazzjoni mal-Perit tal-każ, fejn tat istruzzjonijiet sabiex jiġi kkonsolidat il-*feature* li nstab kif ukoll talbet li jiġi propost kif dan il-*feature* se jiġi integrat. Is-Sovrintendenza ġiet mgħarrfa li l-*feature* mhux possibbli li jibqa mikxuf u għaldaqstant ser jitgħatta b'*geotextile* u jerġa jiġi mirdum. Is-Sovrintendenza ħarġet il-*clearances* neċessarji.

Seduta 241
13/05/2024

**NACE CODE 49.32**

**19055. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġie reġistrat dħul komplessiv mill-operaturi kummerċjali li joperaw taħt NACE Code 49.32, fis-snin 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont id-dikjarazzjonijiet sottomessi għall-fini tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, is-servizzi taxxabbli dikjarati mill-operaturi kummerċjali li joperaw taħt NACE Code 49.32 huma hekk kif jidhru fit-tabella li ġejja:

| Sena | Euro (€) |
|---|---|
| 2019 | 21,798,798.52 |
| 2020 | 16,098,413.68 |
| 2021 | 23,590,106.73 |
| 2022 | 38,165,421.70 |
| 2023 | 47,219,797.51 |

Seduta 241
13/05/2024

**DAC 7 - SOTTOMISSJONIJIET**

**19056. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16671, mingħajr ma jagħti informazzjoni personali, jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat ta' dak li ġie sottomess mill-entitajiet li rreġistraw għal DAC7?

02/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hi kif ġej:

Tlett Operaturi tal-Pjattaformi Rapportanti irreġistraw mal-MTCA u irrapurtaw informazzjoni tad-DAC7.

L-Operaturi tal-Pjattaformi irrapurtaw informazzjoni fuq il-Bejjiegħa Rapportabbli tagħhom li tinkludi:

- f'każ ta' individwu, l-isem u l-kunjom
- f'każ ta' entità, l-isem ġuridiku tal-Bejjiegħ Rapportabbli
- l-Indirizz Primarju
- NIT
- in-numru ta' reġistrazzjoni tan-negozju tal-Bejjiegħ f'każ ta Entità
- in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, meta dan kien disponibbli
- id-data tat-twelid, f'każ ta individwu
- identifikatur tal-Kont Finanzjarju li fih thallas jew jiġi kkreditat il-Korrispettiv, (jekk dan kien disponibbli)
- kull Stat Membru li fih il-Bejjiegħ kien residenti
- il-Korrispettiv totali li tħallas jew li ġie kkreditat matul kull trimestru tal-Perijodu Rapportabbli
- in-numru ta' Attivitajiet Rilevanti li fir-rigward tagħhom tħallas jew ġie kkreditat il-Korrispettiv
- tariffi, kummissjoni jew taxxa f'ras il-għajn li ġew imposta mill-Pjattaforma Rapportanti matul kull trimestru tal-Perijodu Rapportabbli.

Seduta 241
13/05/2024

**STUDENTI FL-ISKEJJEL SEKONDARJI LI MA KOMPLEWX L-ISTUDJI TAGĦHOM**

**19080. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti fl-iskejjel sekondarji ta' Malta u Għawdex separatament li matul l-aħħar sena akkademika, ma komplewx bl-istudji tagħhom matul il-perjodu preskritt?

03/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' studenti li ma komplewx bl-istudji tagħhom matul il-perjodu preskritt f'din is-sena skolastika kien ta' 10.

Seduta 241
13/05/2024

**STUDENTI FL-ISKEJJEL SEKONDARJI LI MA KOMPLEWX L-ISTUDJI TAGĦHOM**

**19081. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti fl-iskejjel sekondarji ta' Malta u Għawdex separatament li matul l-aħħar sena akkademika ma komplewx bl-istudji tagħhom f'livelli oħra u wara l-perjodu preskritt?

03/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' studenti li ma komplewx bl-istudji tagħhom wara l-perjodu preskritt tas-sekondarja hu ta' 757.

Seduta 241
13/05/2024

**ĦAL TARXIEN – LIBRERIJA PUBBLIKA - XIRI TA' KOTBA ĠODDA**

**19082. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Ħal Tarxien matul din is-sena u sal-aħħar ta April 2024? Jista' jgħid ukoll kemm kienet in-nefqa għall-istess xiri ta' kotba ġodda? Jista' jgħid kemm kien hemm donazzjonijiet u kemm kienu bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż?

03/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**PARKEĠĠI PERSONALIZZATI - APPLIKAZZJONIJIET**

**19083. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk bħalissa applikazzjonijiet għall-parkeġġ personalizzat għal persuni bi problemi ta' mobbilità humiex iffriżati? Jekk iva, jista' jgħid x'inhi r-raġuni għal dan?

03/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi sakemm ma jkunx hemm tibdil fil-kriterji, il-proċess ta' applikazzjonijiet għall-parkeġġi riservati qegħdin ikunu proċessati skont il-kriterji indikati fl-istess applikazzjoni.

1) Utent abitwali tas-siġġu tar-roti
2) Imġiba Inkontrollabbli

Seduta 241
13/05/2024

**LUKANDI – PARKING BAYS, LOADING U UNLOADING BAYS**

**19084. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx obbligu jew policy li tispeċifika jekk lukandi jkollhomx parking bay jew un/loading bay quddiemhom?

03/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-policy rigward il-parking bays.

Seduta 241
13/05/2024

**BOAT PARTIES – LIVELL TAL-MUŻIKA ĠEWWA L-PORT**

**19085. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk dgħajjes li jkunu qed jorganizzaw boat parties humiex obbligati li jbaxxu l-mużika ġewwa l-port tard bil-lejl? Jekk iva, jista' jgħid jekk Transport Malta hijiex l-awtorità li tenforza dan?

03/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-organizzaturi tal-boat parties huma meħtieġa li jinnotifikaw formalment lill-Awtorità tal-Port għall-awtorizzazzjoni, u meħtieġa jikkonformaw mal-Avviż lill-Baħħara relatat u l-kundizzjonijiet tal-permess inkluż il-livelli tal-mużika. L-Ispettorat tal-Port u l-Martime Enforcement Unit jagħmlu spezzjoni ad hoc biex jiżguraw il-konformità.

Seduta 241

13/05/2024

**IL-FGURA - LIBRERIJA PUBBLIKA – XIRI TA' KOTBA ĠODDA**

**19086. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika tal-Fgura matul din is-sena sal-aħħar ta' April 2024? Jista' jgħid kemm kien hemm infiq għall-istess xiri ta' kotba ġodda, kif ukoll kemm kien hemm donazzjonijiet? Jista' jgħid ukoll kemm kienu bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż?

03/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:**

| PQ Numru | Lokalità | Kotba mixtrija ġodda – Jan sa April 2024 | Infiq fuq kotba fiżiċi ġodda – Jan sa April 2024 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – Jan sa April 2024 | Kotba Bil-Malti | Kotba bl-Ingliż | Kotba bit-Taljan | Kotba bil-Franċiż |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19086 | Il-Fgura | 16 | € 104 | 64 | 43 | 37 | Xejn | Xejn |

Seduta 241
13/05/2024

**SANTA LUĊIJA - LIBRERIJA PUBBLIKA – XIRI TA' KOTBA ĠODDA**

**19087. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika ta' Santa Luċija matul din is-sena sal-aħħar ta' April 2024? Jista' jgħid kemm kien hemm infiq għall-istess xiri ta' kotba ġodda, kif ukoll kemm kien hemm donazzjonijiet? Jista' jgħid ukoll kemm kienu bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż?

03/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:**

| PQ Numru | Lokalità | Kotba mixtrija ġodda – Jan sa April 2024 | Infiq fuq kotba fiżiċi ġodda – Jan sa April 2024 | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – Jan sa April 2024 | Kotba Bil-Malti | Kotba bl-Ingliż | Kotba bit-Taljan | Kotba bil-Franċiż |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **19087** | Santa Lucija | 9 | € 73 | 9 | 11 | 7 | Xejn | Xejn |

Seduta 241
13/05/2024

**IL-GUDJA - LIBRERIJA PUBBLIKA – XIRI TA' KOTBA ĠODDA**

**19088. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inxtraw kotba ġodda għal-librerija pubblika tal-Gudja matul din is-sena sal-aħħar ta' April 2024? Jista' jgħid kemm kien hemm infiq għall-istess xiri ta' kotba ġodda, kif ukoll kemm kien hemm donazzjonijiet? Jista' jgħid ukoll kemm kienu bil-Malti, bl-Ingliż, bit-Taljan u bil-Franċiż?

03/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:**

| PQ Numru | Lokalita' | Kotba mixtrija ġodda – Jan sa | Infiq fuq kotba fiżiċi ġodda – | Donazzjonijiet inkluż mill-pubbliku u l-Kunsilli Lokali – Jan sa April 2024 | Kotba Bil-Malti | Kotba bl-Ingliż | Kotba bit-Taljan | Kotba bil-Franċiż |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | April 2024 | Jan sa April 2024 | | | | | |
| **19088** | Il-Gudja | 45 | € 187 | 164 | 147 | 62 | Xejn | Xejn |

Seduta 241
13/05/2024

**FESTI LOKALI - FONDI U KRITERJI**

**19102. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jispjega kif jistgħu jintefqu l-fondi li huma mwiegħda għal kull festa lokali (€14,000) u x'inhuma l-kriterji?

06/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**PONTIJIET TA' SANT'ANĠLU - XOGĦLIJIET**

**19103. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Pontijiet ta' Sant'Anġlu u meta huwa ppjanat li jintemmu?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq il-proġett tal-Pontijiet ta' Sant'Anġlu bdew f'Ġunju 2023 u mistenni li jkunu lesti fil ġimgħat li ġejjin.

Seduta 241
13/05/2024

**PONTIJIET TA' SANT'ANĠLU - SPIŻA**

**19104. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett tal-Pontijiet ta' Sant'Anġlu?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tal-Pontijiet ta' Sant'Anġlu hu stmat li ġej jiswa madwar 3 miljun Ewro Vat eskluża.

Seduta 241
13/05/2024

**SHORE SUPPLY NORTH HARBOUR & BOILER WHARF - XOGĦLIJIET**

**19105. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet fuq il-proġett tan-North Harbour & Boiler Wharf Shore Supply u meta huwa ppjanat li dawn ix-xogħlijiet jintemmu?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:**
Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq il-proġett tan-North Harbour & Boiler Wharf Shore Supply bdew f'Novembru 2020 u mistennija jkunu lesti fix-xhur li ġejjin.

Seduta 241
13/05/2024

**NORTH HARBOUR & BOILER WHARF SHORE SUPPLY - SPIŻA**

**19106. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett North Harbour & Boiler Wharf Shore Supply?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħolijiet relatati mal-proġett North Harbour & Boiler Wharf Shore Supply huma stmati li ġejjin jiswew madwar 33.2 miljun Ewro VAT eskluża.

Seduta 241
13/05/2024

**BUĠIBBA BREAKWATER - XOGĦLIJIET**

**19107. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet fuq il-Buġibba breakwater u meta huwa ppjanat li jitlestew?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq il-Buġibba breakwater bdew f'Ottubru 2022 u mistennija jkunu lesti s-sena d-dieħla.

Seduta 241
13/05/2024

**BUĠIBBA BREAKWATER - SPIŻA**

**19108. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa stmat li ser jiswa l-proġett tal-Buġibba breakwater?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tal-Buġibba breakwater hu stmat li ser jiġi jiswa madwar 13.8 miljun Ewro Vat eskluża.

Seduta 241
13/05/2024

**ĦAL SAFI - ARTIJIET TAL-GVERN**

**19111. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra pjanta li turi liema huma l-artijiet tal-Gvern fi Triq Salvu Cauchi bejn Triq in-Nassaba u Triq San Pawl f'Ħal Safi?

06/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Membru jippreċiża d-domanda tiegħu u jispeċifika għal liema sit qed jirreferi.

Seduta 241
13/05/2024

**ĦAL SAFI – TRIQ SALVU CAUCHI**

**19112. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser issir Triq Salvu Cauchi bejn Triq in-Nassaba u Triq San Pawl f'Ħal Safi?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Pjan ta' ħidma mal-Kunsilli Lokali, Triq Salvu Cauchi hija waħda mit-toroq li ġiet proposta mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Ix-xogħol tat-toroq jiġi allokkat skont l-esiġenzi u l-prijoritajiet tal-lokalità rispettiva tagħhom

Seduta 241
13/05/2024

**ĦAL SAFI - TRIQ SAN TUMAS - LINJA TAT-TRIQ**

**19113. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-linja tat-Triq San Tumas f'Ħal Safi tiġi kkoreġuta ġaladarba hemm numru ta' binjiet li jaqbżu l-linja kurrenti u diġà ġew sanzjonati?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proċess biex tinbidel linja tal-bini huwa dak kontemplat fl-Avviż Legali (AL) 71 ta' 2007, hekk kif amendat b'AL 73 ta' 2015 u 103 ta' 2017.

Seduta 241
13/05/2024

**RAPPORT MILL-OMBUDSMAN - AZZJONI**

**19114. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ttieħdet wara li l-Ombudsman Parlamentari ppreżenta rapport lill-Parlament dwar ilment minn persuna li ma ġietx rimborżata spejjeż wara li weġġgħet minħabba l-kondizzjoni ħażina tat-triq f'San Ġwann?

06/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali wara diskussjonijiet, reġgħet iċċirkolat mal-Kunsilli Lokali kollha proċedura li għandha tiġi addottata f'każi ta' talbiet ta' kumpens simili. Id-deċiżjoni jekk għandux jingħata kumpens hija tal-Kunsill Lokali u l-Gvern jirrispetta l-awtonomija li hija mogħtija bil-liġi lill-Kunsilli Lokali.

Seduta 241
13/05/2024

**RAKKOMANDAZZJONIJIET MILL-OMBUDSMAN - AZZJONI**

**19115. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'azzjoni ser tittieħed sabiex jiġi implimentat dak li ġie rrakomandat mill-Ombudsman Parlamentari fil-każijiet OMB-22-3333 u OMB-22-3696 u sabiex tiġi ċċarata l-policy dwar il-pre-retirement leave għal kull ħaddiem f'kull entità u awtorità pubblika?

06/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-azzjonijiet li jittieħdu sabiex fejn hu legalment possibbli jiġu implimentati rakkomandazzjonijiet mill-Ombudsman Parlamentari, jiġu ppublikati f' rapport annwali li joħrog is-Servizz Pubbliku.

Seduta 241
13/05/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - RESIDENZI PRIVATI - ĊENSIMENT**

**19116. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18841 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità u jgħid jekk qattx sar ċensiment dwar kemm għad hawn tankijiet tal-asbestos f'residenzi privati?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS – PREKAWZJONIJIET META JITWAQQGĦU DJAR**

**19117. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18843 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità u jgħid jekk hux qed jittieħdu prekawzjonijiet meta jitwaqqgħu djar li fihom ikun għad hemm tankijiet tal-asbestos?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS – ĦADDIEMA TAL-KOSTRUZZJONI**

**19118. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18844 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità u jgħid jekk il-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni jiġux mgħarrfa dwar il-periklu li jista' jinħoloq meta jkunu qed jinqalgħu tankijiet tal-asbestos?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - PREKAWZJONIJIET QABEL JITWAQQGĦU DJAR**

**19119. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18845 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità u jgħid xi prekawzjonijiet qed jittieħdu qabel ma titwaqqa' dar li jinstab li fiha hemm tankijiet tal-asbestos?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS - ĦADDIEMA PROFESSJONALI**

**19120. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18846 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità u jgħid jekk meta jinstabu tankijiet tal-asbestos humiex jissejħu timijiet ta' ħaddiema professjonali li jafu kif jiddisponu minn dan il-materjal tant perikoluż?

06/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - STUDENTI LI GRADWAW F'LIVELL TA' BAĊELLERAT**

**19133. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li gradwaw skont kull fakultà u istitut individwali fil-livell ta' Baċellerat fl-Università ta' Malta? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul daw l-aħħar 10 snin f'livell ta' Baċellerat gradwaw total ta' 16,895 student.

Seduta 241
13/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – STUDENTI LI GRADWAW F'LIVELL TA' MASTERS**

**19134. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li gradwaw skont kull fakultà u istitut individwali fil-livell ta' Masters fl-Università ta' Malta? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul daw l-aħħar 10 snin f'livell ta' Masters gradwaw total ta' 11,188 student.

Seduta 241
13/05/2024

**MCAST - STUDENTI LI GRADWAW**

**19135. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li gradwaw skont kull istitut individwali mill-MCAST? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 1098, niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellanta li minn dakinhar l'hawn, l-ammont żdied għal 47,648 studenti li gradwaw mill-MCAST.

Seduta 241
13/05/2024

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – LIVELL TA' BAĊELLERAT - STUDENTI LI WAQFU**

**19136. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mill-kors skont kull fakultà u istitut individwali fil-livell ta' Baċellerat fl-Università ta' Malta? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul dawn l-aħħar 10 snin f'livell ta' Baċellerat waqfu total ta' 6,126 student.

Seduta 241
13/05/2024

**MCAST – STUDENTI LI WAQFU**

**19137. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mill-kors skont kull istitut individwali mill-MCAST? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' studenti li waqfu matul dawn l-aħħar 10 snin kien ta' 8,163 student.

Seduta 241
13/05/2024

**SIXTH FORM - STUDENTI LI WAQFU**

**19138. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti li waqfu mis-Sixth Form? Jista' jaqsam din l-informazzjoni sena b'sena għal dawn l-aħħar 10 snin u maqsum għal kull istitut edukattiv post-sekondarju individwalment?

06/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 241
13/05/2024

**MEDIĊINA VALSARTAN - OUT OF STOCK**

**19148. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ilha out-of-stock il-mediċina Valsartan (tal-pressjoni)? Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għal dan, u meta ser terġa' tkun disponibbli?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li qed titqassam il-Candesartan u mhix out of stock.

Seduta 241
13/05/2024

**BLOOD GLUCOSE MONITORS**

**19150. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min hu intitolat għal Blood Glucose Monitor? Jista' jgħid ukoll liema hi d-data tat-twelid li titqies bħala l-cut off date għall-persuni ta' 45 sena?

06/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif ħabbart meta nidejt l-estensjoni tas-servizz tal-Continuous Glucose Monitoring, il-persuni ntitolati huma:

- Persuni li għandhom il-kundizzjoni tad-dijabete tip 1 (dipendenti fuq l-insulina) li għandhom età bejn 35 u 45 sena;
- Persuni li minħabba mard relatat mal-frixa jiġu dipendenti fuq l-insulina;
- Persuni li jbatu mill-kundizzjoni tad-dijabete matul it-tqala (Gestational Diabetes).

B'hekk, il-Gvern qed jwettaq wegħda oħra hekk kif qed jestendi s-servizz tal-monitoraġġ tad-dijabete, mhux biss tat-tip 1 imma wkoll f'ċirkostanzi partikolari. Huwa mistenni li madwar 200 persuna ser jibbenefikaw għall-ewwel darba minn dan is-servizz, li qed jsir b'investiment ta' aktar minn miljun ewro.
Għar-rigward tal-cut off date marbuta mal-età ta' 45 sena, din għandha tfisser li kull persuna li għad għandha sa 45 sena, li jfisser sad-data qabel tagħlaq 46 sena.

Seduta 241
13/05/2024

**KORS TA' VETERINARJU - KWALIFIKI**

**19152. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Issa li ġie mħabbar li ser jinfetħu l-applikazzjonijiet għall-kors ta' veterinarju ġewwa pajjiżna, jista' l-Ministru jgħid x'ser ikunu l-eżamijiet mitluba u rikjesti biex wieħed ikun ikkunsidrat biex japplika u jiġi approvat?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**KORS TA' VETERINARJU - PROSPECTUS**

**19153. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid minn fejn persuna tista' taċċessa l-prospectus tal-kors ta' veterinarju?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**KORS TA' VETERINARJU - ACCREDITATIONS**

**19154. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'accreditations ser ikollu l-kors ta' veterinarju?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**EUROPEAN ASSOCIATION OF ESTABLISHMENTS FOR VETERINARY EDUCATION**

**19155. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti stampa ċara jekk pajjiżna issa huwiex parti mill-EAEVE (European Association of Establishments for Veterinary Education)?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**SPTAR APH – DATA TAL-FTUĦ**

**19156. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun qed jiftaħ l-Isptar tal-Annimali APH ġewwa Ta' Qali wara li tħabbar li ser jibda l-kors ta' veterinarju?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li wara li ntlaħaq ftehim bejn l-APH Ltd. u l-MCAST, l-isptar tal-annimali mistenni li jiftaħ u jerġa' jibda joffri s-servizzi fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 241
13/05/2024

**SPTAR APH - OPERATUR**

**19157. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser jibqa' jkun l-istess operatur li ser ikollu f'idejh l-immaniġġjar tal-Isptar tal-Annimali APH ġewwa Ta' Qali?

06/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**SEJBIET ARKEOLOĠIĊI - PROĊEDURA**

**19159. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jispeċifika l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta jinstab wirt storiku u kulturali, fosthom shelters u sejbiet arkeoloġiċi taħt l-art, waqt xogħlijiet li jkunu qegħdin isiru minn kuntratturi jew Infrastructure Malta?

06/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-proċedura li għandha tiġi segwita meta jinstab wirt storiku/kulturali hija speċifikata f'Artiklu 61(1) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (2002, emendat fi 2019) – liema Artiklu jgħid li "kull persuna li aċċidentalment, jew mod ieħor, permezz ta' kwalunkwe mezzi tiskopri xi oġġett, sit jew bini jew karatteristika partikolari f'binja jew proprjetà jew xi proprjetà kulturali oħra, kemm fuq

l-art jew fil-baħar, li għalihom japplika dan l-Att, għandha tinforma minnufih lis-Sovrintendenza, iżżomm il-proprjetà kulturali misjuba in situ u m'għandhiex għal perjodu ta' sitt ijiem tax-xogħol, ili jista' fuq bażi raġonevoli jiġi estiż għal perjodu ieħor ta' sitt ijiem tax-xogħol, wara li tinforma lis-Sovrintendenza, tipproċedi b'xogħol fuq is-sit fejn l-oġġett ta' proprjetà kulturali ġie skopert".

Seduta 241
13/05/2024

**INFRASTRUCTURE MALTA – SEJBIET ARKELOĠIĊI**

**19160. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid ma' liema entitajiet u awtoritajiet Infrastructure Malta tagħmel konsultazzjonijiet rigward wirt storiku u kulturali bħal shelters jew sejbiet arkeoloġiċi taħt l-art li possibilment jistgħu jinstabu fiż-żona fejn Infrastructure Malta tkun se tagħmel xi xogħlijiet?

06/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta tikkordina ma' entitajiet diversi u tuża mezzi disponibli għaliha sabiex tevalwa s-sit li jkun se jsir fih xogħlijiet. L-entita' ewlenija hija Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li tigwida lill-Aġenzija għal proċessi u metodi neċessarji in kwantu jidħol wirt storiku.

Seduta 241
13/05/2024

**LUKANDA - PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI**

**19161. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18592 rigward il-proċeduri ġudizzjarji pendenti dwar is-sit tal-lukanda li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jagħti l-okkju, in-numru tar-rikors, u jgħid quddiem liema Qorti għaddejjin il-proċeduri msemmija?

06/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**INITIAL INVESTMENT PLAN**

**19162. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14957, 16266, 17239 u 19008 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-'Initial Investment Plan' imsemmi fil-ftehim bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol u l-iskola li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

07/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**IL-QRENDI - COMMUNITY CLINIC**

**19165. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18899, jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tinfetaħ community clinic fil-lokalità tal-Qrendi? Jekk fl-affermattiv, fejn se ssir din il-community clinic u meta hu ppjanat li tibda' tagħti servizz lir-residenti tal-Qrendi?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18899.

Seduta 241
13/05/2024

**PAGAMENTI LILL-KUMPANIJA**

**19167. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista dettaljata tal-pagamenti bid-dati, l-ammont u r-raġuni, li saru lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament matul l-2022 u l-2023?

07/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 241
13/05/2024

**PAGAMENTI LILL-KUMPANIJA**

**19168. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista dettaljata tal-pagamenti bid-dati, l-ammont u r-raġuni, li saru lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament matul l-2022 u l-2023?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6980.

Seduta 241
13/05/2024

**IL-MOSTA - TRIQ IL-WAQQAFA - PERMESSI BIEX JINFETAĦ ĦAJT DIVIŻORJU**

**19169. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'permessi relatati kien hemm biex jinfetaħ il-ħajt diviżorju fi Triq il-Waqqafa, il-Mosta, li jagħti għall-istabbiliment kummerċjali li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament?

07/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tispeċifika fejn jinsab dan il-ħajt fi Triq il-Waqqafa, il-Mosta, li għalih qed issir referenza.

Seduta 241
13/05/2024

**PREMJU ĦADDIEM TAS-SENA – TROFEW ORIĠINALI**

**19183. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Prim Ministru: Peress li l-Premju Ħaddiem tas-Sena jaqa' fil-portafoll tal-Ministeru immexxi minnu, jista' l-Prim Ministru jgħid fejn jinsab it-trofew oriġinali, li kien beda jingħata sa mill-1990 għal kull sena lir-rebbieħ tal-Premju u li huwa xogħol prestiġjuż tal-artist Malti Noel Galea Bason maħdum fil-bronż, injam u rħam? Jista' jgħid ukoll meta kienet l-aħħar sena li r-rebbieħ tal-Premju Ħaddiem tas-Sena ngħata t-trofew maħdum minn Galea Bason u x'kienet ir-raġuni li ma baqax jingħata dan it-trofew imsemmi? Peress li dan ix-xogħol artistiku huwa parti mill-wirt artistiku Malti jista' jassigura li din l-opra ser titpoġġa taħt il-kustodja tal-MUŻA u esebita hemmhekk għall-apprezzament tal-pubbliku?

07/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 241
13/05/2024

**ELEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILLI LOKALI - DJAR TAL-ANZJANI**

**19187. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid liema huma d-djar tal-anzjani li fihom se jkunu qed isiru l- elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilli Lokali fl-1 ta' Ġunju 2024?

08/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif qed jitpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 241
13/05/2024